**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 20 ta' April, 2016

Rikors Guramentat numru : 25/2016 AL

AB

vs

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi huwa zzewweg lill-intimata CD, detentrici tal-identita` bin-numru 302770 M fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elf disa` mija sitta u disghin (1996) fil-knisja tal-Kuncizzjoni, Bormla, liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta, bin-numru sitta, disgha, disgha zbarra elf disa` mija sitta u disghin (699/1996), u dan kif jirrizulta minn vera kopja tac-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

Illi l-kontendenti partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effettwaw is-separazzjoni personali permezz ta' Kuntratt ta' Separazzjoni li kien gie ppubblikat min-Nutar Dottor Sylvana Borg

Caruana fl-għaxra (10) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013), kopja fotostatika qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. B;

Illi l-partijiet minn dan iż-żwieġ iddekadew reċiprokament mid-dritt li jitolbu u jottjenu manteniment fil-konfront ta' xulxin ;

Illi mill-imsemmi żwieġ l-istess partijiet kellhom tifla bl-isem ta' Daniela Avellino u l-istess wild qegħda tirċievi manteniment adegwat fil-konfront tagħha u li għal finijiet u effetti kollha tal-liġi kwalsiasi obbligi ta' manteniment ġew effettivament regolati fl-istess Kuntratt ta' firda personali ippubblikat u konsegwentament ma teżisti ebda kwestjoni f'dan ir-rigward;

Illi r-rikorrenti iddiskuta mal-konsulent legali tiegħu, hawn sottofirmata, il-possibilta ta' rikonċiljazzjoni taż-żwieġ odjern, u kkonkluda li m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni;

Illi r-rikorrenti ilu li allontana ruħu mid-dar matrimonjali mit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u ħdax (2011), illum il-ġurnata għaddew aktar minn ħames (5) snin mid-data tas-separazzjoni *de facto* tal-kontendenti partijiet ;

Illi in vista ta' dak premess, jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mil-liġi għall-ħalla taż-żwieġ odjern u għad-divorzju tal-partijiet.

Talab li l-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex :

1. Tiddikjara ż-żwieġ odjern maħlul u sussegwentement tippronunzja li l-partijiet huma divorzjati għall-effetti kollha tal-liġi;
2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimata, li permezz tagħha ikkonfermat :

1. Illi l-intimata taqbel mal-kontenut tar-rikors ipprezentat mir-rikorrenti AB kif ukoll taqbel mat-talbiet attriċi b'mod partikolari taqbel li għandu jiġi dikjarat il-ħall taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet tal-25 ta' Mejju 1996;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost hija ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta’ din il-procedura;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta’ Frar, 2016;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-10 ta’ Mejju 2013 u ilhom de facto separati ghal aktar minn erba’ snin;

Illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.